MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 1323/2011

Il-**Pulizija**

**(Spettur Rosanne Debattista)**

**Vs**

**Nico Nappa iben Saviour u Josephine nee' Borg, imwieled fis-16 ta' Novembru 1989, Pieta' residenti 67, Shefflera, Triq is-Sajf, Qormi u detentur ta' karta ta'l-identita' numru 533189(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nico Nappa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Novembru 2011 ghal habta ta' 00:30 ta' filghodu, gewwa Hot Ice, Triq Paceville, San Giljan u/jew fil-vicinanzi ta' Triq Paceville San Giljan:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC1486 Pace Dirk, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita' kompetenti.
2. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1486 Pace Dirk persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.
3. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuni ta' Supt. Stephen John Gatt, PC1532 Caruana Mario, PC1468 Pace Dirk persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallhiex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.
5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
6. Talli qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-28 ta' Novembru 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari ta'l-akkuza jidher illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi kienet pjuttost perplessa ghal mod kif tmexxiet il-prosekuzzjoni f'dina il-kawza. Ibda biex ma gie ipprezentat l-ebda prova ta' identifikazzjoni ta'l-imputat billi lanqas ic-certifikat tat-twelid tieghu ma gie ipprezentat. L-Ufficjal Prosekutur f'dina l-kawza lanqas xehdet dwar l-investigazzjonijiet minnha maghmula, jekk fil-fatt saru xi investigazzjonijiet, ghax lanqas jirrizulta mill-atti jekk l-imputat giex interrogat ma'l-arrest tieghu billi stqarrija fl-atti qatt ma giet ipprezentata. Ciononostante l-imputat gie imressaq il-Qorti b'urgenza u bl-arrest fil-gurnata tal-Hadd 27 ta' Novembru 2011, fl-istess jum li sehh dana l-kaz.

Illi ghalkemm minn qari ta'l-akkuza jirrizulta illi kien hemm minn ta'l-inqas tlett ufficjali tal-pulizija involuti f'dana l-kaz u cioe' is-Supretendent, illum Assistant Kummissarju, Stephen Gatt, PC1532 Caruana Mario u PC1468 Dirk Pace, il-Proskeuzzjoni ressqet xhud wiehed biss u cioe' il-PC1468 Dirk Pace li ta l-verzjoni tieghu ta' kif allegatament sehh dana l-kaz. Lanqas l-okkorrenza, jekk fil-fatt saret wahda, ma giet esebieta u kwindi lanqas ma jirrizulta jekk in-nies involuti f'dana l-incident kenux taw il-verzjoni taghhom tal-fatti *a tempo vergine*. Illi, ukoll, ghalkemm l-imputat jinsab akkuzat illi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Pace, u ghalkemm gie esbiet

certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Ada Gatt, madanakollu dana ic-certifikat qatt ma gie ikkonfermat bil-gurament mill-persuna li irrilaxxjatu[1]. Provi skarsi ghall-ahhar, li l-Qorti mal-ewwel tistqarr ma jistghux jilhqu l-grad tal-prova rikjesta fil-kamp penali.

Illi l-uniku xhud li xehed ghall-prosekuzzjoni, l-kuntistabbli Pace ukoll jaghti deskrizzjoni piuttost xotta ta' dak li sehh. Huwa ighid illi hu flimkien mal-kuntistabbli 1532 u is-Supretendent Stephen Gatt dahhlu biex jaghmlu spezzjoni gewwa il-bar bl-isem ta' Hot Ice, gewwa Paceville fejn hemmhekk kien hemm l-imputat flimkien ma' shabu. Huwa jghid li sema' lill-imputat jidghi u ghalhekk tallbuh biex johrog barra maghhom u jaghtiehom il-*particulars* tieghu. Infurmawh illi huwa kien ser jigi imressaq il-Qorti minhabba kliem oxxen u dagha fil-pubbliku. Ighid illi l-imputat beda jipprotesta ghal dana il-fatt u filwaqt li beda jehodlu il-*particulars* l-imputat beda ighajjat u ixejjer idejh f'wiccu. Ighid hekk testwalment il-kuntistabbli:

"***Ovvjament bil-mod li beda jirrejagixxi qbaddtlu idejh, ghax ghedt dan ser jaghtini xi daqqa ta' ponn, you never know, u qieghdtu bil-qieghda. X'hin qieghdtu bil-qieghda, ma nafx ghal liema raguni, ipprova jigdimni u snienu ipprenetraw ftit minn idejja***." Wara dan l-imputat gie arrestat.

L-imputat jaghzel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn mix-xhieda tieghu johrog il-fatt illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija meta gie arrestat, izda kif diga inghad dina l-istqarrija ghal xi raguni jew ohra qatt ma giet ipprezentata mill-Ufficjal Prosekutur li lanqas biss tixhed sabiex tispjega l-investigazzjonijiet li kienet ghamlet fuq dana il-kaz qabel ma iddecidiet tressaq lill-imputat b'urgenza u bl-arrest il-Qorti. L-imputat fix-xhieda tieghu ighid illi fil-lejla mertu tal-kawza huwa kien ma' shabu gewwa il-bar bl-isem ta' Hot Ice u ighid illi hu u shabu kienu qed jiddiskutu fuq il-futbol u anke jiccajjtaw ma' xulxin fuq l-istess haga. Jammetti illi kienu qed jaghmlu xi storbju u li anke qal xi kliem hazin meta f'hin minnhom gie avvicinat mill-pulizija fejn infurmawh li kienu ser jarrestawh. Huwa beda jipprotesta ghal dana l-fatt izda harrguh 'il barra filwaqt li il-

[1] Ara certifikat mediku esebiet a fol.8

kuntistabbli Pace beda iheddu li kien ser jaghmillu il-manetti jekk jibqa' itawwal ilsienu. Meta l-imputat rega' ipprotesta, ighid illi l-kuntistabbli tela' fuq il-bankina u minn warajh dawwar idejh ma' halqu u beda ighafaslu halqu b'idejh tant illi l-imputat ighid li ma setax jiehu nifs. Hawnhekk qabbdu paniku u sabiex jinheles mill-qabda tal-kuntistabbli jammetti illi gidmu hafif f'idu. Il-pulizija hawnhekk telqu u il-kollegi li kienu mieghu fil-pront immannettjawh u imbuttawh tant illi huwa spicca waqa' fl-art wiccu 'il isfel u habat rasu. Ighid illi beda jibki u ma jeskludiex illi qal xi kliem ta' dagha. Hawnhekk gie siehbu Miguel Caruana li ipprova jikkalmah kif ipprova jikkalmah ukoll is-Supretendent Stephen Gatt. Huwa gie mehud l-ghassa tal-pulizija u iktar tard fil-ghaxija tressaq b'arrest il-Qorti. Ighid illi wara li telaq mill-Qorti, ha fotografiji tal-griehi li kien sofra li fil-fatt huwa ezebixxa fl-atti. Gie ezaminat ukoll mit-tabib kuranti tal-familja tieghu Dr. John Zammit Montebello, li ukoll xehed f'dawn il-proceduri li iccertifika li l-imputat kien qieghed isofri minn griehi ta natura hafifa konsistenti f'abrazjoni f'minkbejh tax-xellug, tbengila f'naghsu u anke griehi f'sidru, kollha ikklassifikati bhala griehi ta' natura hafifa. L-imputat kellu ukoll il-marki tal-mannetti mal-polz[2].

Id-dinamika ta' dan l-incidnet kif rakkontat mill-imputat huwa ikkorroborat minn siehbu Miguel Caruana li kien xhud tal-perkossi li l-imputat qala' minn taht idejn il-kuntistabbli Pace. Ighid illi huwa osserva it-taqtiegha bejn il-pulizija u siehbu u beza' ghax haseb li dawn kienu ser iwegghuh[3].

Ikkunsidrat,

Illi l-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 huma zewg reati ben distinti minn xulxin ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

[2] Ara ritratti esbieti a fol., kif ukoll ix-xhieda ta' Dr. John Zammit Montebello u ic-certiikat mediku rilaxxjat minnu  a fols.56 et seq.
[3] Ara fol.47 et. Seq.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"***Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre***."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi mill-provi akkwizti fl-atti ma jirrizultax illi l-imputat f'xi hin qal xi kliem ingurjuz jew ta' theddid fil-konfront tal-kuntistabbli Pace. Il-kuntistabbli fix-xhieda tieghu ighid illi l-imputat beda ighid xi kliem konsistenti f'dagha, izda fl-

ebda hin ma isemmi f'hix kien jikkonsisti dana id-dagha u lanqas ma ighid illi il-kliem kien ta' oltragg lejh jew l-uniformi tieghu jew konness mal-qadi tal-funzjonijiet tieghu bhala pulizija. L-imputat minn naha tieghu jishaq illi huwa ma qal l-ebda dikors lill-pulizija ghajr ghal fatt illi beda jipprotesta ghal mod kif kien qed jigi trattat. Dana huwa l-ezempju *par excellence* tal-hekk ismejjah "*animus reclamandi*" u cioe' l-animu ta'l-agent li ikun qieghed jipprotesta legittimament kontra xi agir partikolari[4], animu li ma jikkwalifikax bhala l-*mens rea* mehtieg ghall-kummissjoni tar-reat in dizamina. Illi in kwantu dina l-akkuza tirreferi ghal-kuntistabbli 1532 u is-Supretendent Stephen Gatt, ghandu jnghad illi dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri ghal xi raguni inspjegabbli. Jidher kemm mix-xhieda ta'l-imputat kif ukoll tal-kuntistabbli Pace innifsu illi l-imputat fl-ebda hin ma indirizza lil dawn it-tnejn minn nies, izda jidher illi l-konfront kien bejn Pace u l-imputat biss. Kwindi fid-dawl tan-nuqqas ta' prova il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Ikkunsidrat,

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the***

[4] Ara sentenza il-Pulizija vs Amante Camilleri – App. Krim. Inf. 17/10/1997 per V.Degaetano

***action of those charged therewith."*** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: ***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

***"Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna***

***hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".***

Illi hawnhekk ukoll il-Qorti tara illi l-agir ta'l-imputat certament ma kienx wiehed ta' attakk jew resistenza kif trid il-ligi. L-imputat ighid illi Pace kien qed jostakolalu il-passagg tan-nifs tant illi huwa beda jibza' li ser jaqta' nifsu. Bil-paniku li qabbdu u x'aktarx bhala reazzjoni istantanja ta' persuna li tkun qed tigi soffokata, huwa ghafas snienu ma' id il-kuntistabbli tant illi gidmu hafif. Pace stess fix-xhieda tieghu jiddeskrivi dina il-"gidma" bil-kliem "snienu ippenetraw ftit minn idejja" u "ipprova jigdimni", li juri bic-car illi il-gidma li saret, jekk tista' tissejjah hekk, ma kenitx wahda intenzjonata, izda kienet biss bhala reazzjoni ghall-azzjoni li kienet qed isir fuq l-imputat mill-kuntistabbli. Illi fl-atti ma hemmx provi ohra li jistghu jindikaw il-kontra u dana ghaliex il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq ix-xhieda ewlenin f'dina il-kawza. L-imputat minn naha tieghu, bil-provi li iressaq, jirnexxielu jissodisfa lil Qorti dwar l-innocenza tieghu fuq bazi ta' probabbilita' u dana  ghaliex l-agir tieghu, kif deskritt minnu u sa certu punt anke ikkonfermat mill-kuntistabbli Pace innifsu, certament ma jaqax fil-parametri ta'l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 u kwindi l-imputat ser jigi illiberat ukoll minn dina l-akkuza.

Illi l-istess jista' jinghad dwar l-akkuza tal-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Dirk Pace. Illi hawnhekk ukoll il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti lil hinn minn kull dubbju dwar il-feriti sofferti minn dana il-kuntistabbli. Illi l-uniku prova li tressaq il-Prosekuzzjoni huwa certifikat mediku li lanqas biss jigi ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li irrilaxxjah. Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha taccetta dana ic-certifikat bhala prova, madanakollu l-istess certifikat ma isemmi imkien illi il-gerha kienet tikkonsisti f'gidma izda jiddeskrivieha bhala "slight graze". Kwindi billi hemm nuqqas ta'

prova ukoll f'dana ir-rigward il-Qorti ikollha tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll b'tlett akkuzi ta' natura kontravvenzjonali. Illi ghalkemm l-ahhar wahda fejn l-imputat huwa akkuzat li qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku hija ippruvata *ex admissis* mill-imputat stess, l-istess ma jistax jinghad dwar iz-zewg akkuzi l-ohra. Illi l-imputat huwa akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija. Mix-xhieda tal-pulizija Pace jidher illi l-pulizija taw zewg ordnijiet lill-imputat u cioe' dik li johrog mill-bar u jakkompanjhom kif ukoll dik li ighaddielhom id-dettalji tieghu. Illi kemm mix-xhieda tal-kuntistabbli Pace kif ukoll dik ta'l-imputat jirrizulta illi l-imputat ghamel dawn iz-zewg affarijiet u cioe' illi huwa hareg mill-bar meta il-pulizija ordnawlu jaghmel dan u fl-ebda hin ma irresista lill-pulizija u ukoll ghaddielhom il-*particulars* tieghu. Kwindi anke minn dina l-akkuza l-imputat ser jigi illiberat.

Jifdal ghalhekk biex tigi trattata l-akkuza dwar il-ksur tal-bon ordni u il-paci pubblika. L-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

***'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm***

***b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.***

***L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'***

Il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm jirrizulta illi fil-kolluzzjoni bejn il-pulizija u l-imputat, l-imputat qal xi kliem ta' dagha, madanakollu hemm dubbju dwar il-fatt jekk kienx l-imputat li qala' l-kommozzjoni konsegwenza ta'l-incident jew inkella kienx l-ufficjal tal-pulizija li qajjem dina l-kommozzjoni meta huwa uza il-forza fuq l-imputat sabiex jarrestah u jimmannetjah tant illi meta Miguel Caruana ighid li ra dina ix-xena huwa beza'. Ghaldqastant fid-dawl ta' dana l-kunflitt fil-provi il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza ukoll.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati biss ta'l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' €25 u tilliberah mill-kumplament ta'l-akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------